# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 425/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Carl Ciantar**

**Seduta tat-28 ta' Settembru, 2020.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carl Ciantar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 421789M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

A) Fl-10 ta' Ġunju, 2014 ġewwa Triq Ninu Cremona Paola, Malta għal ħabta ta' bejn 11:15a.m. u 11:30a.m mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar

ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Jean Claude Ciantar ta' natura gravi jew igiblu dizordni f'moħħu kif iċċertifikat minn Dr Josianna Sammut (reg:2329) u dan bi ksur tal-Artikli 214, 215, 216 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9;

B) Talli fl-istess dati, ħin u ċirkostanzi ta fastidju lil Jean Claude Ciantar u dan bi ksur tal-Artikli 251A tal-Kodiċi Kriminali Kap 9.

C) Talli fl-istess dati,ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna lil Jean Claude Ciantar biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artikli 251B tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9;

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat bħala li kien reċidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi kienu mogħtija lil Carl Ciantar u li saru definittivi u ma jistgħux jkunu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Settembru, 2015 li biha wara li rat l-Artikoli 215, 216, 49, 50 u 31 tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u ikkundannatu ħames (5) xhur priġunerija, ddikjarat lill-imputat mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u konsegwentemnet illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carl Ciantar, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 t'Ottubru, 2015 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza billi filwaqt illi **tikkonferma** f'dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat lil

appellant mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu, **tħassaraha** u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjaratu ħati tal-ewwel imputazzjoni, bl-addebitu tar-reċidiva u tilliberah minnha; **alternattivament tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena aktar ekwa u ġusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. L-appellant jillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti bi gravm dwar l-apprezzament tal-provi u iehor, b'mod sussidjarju, dwar il-piena erogata. Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw diverbu bejn l-appellant u l-parte civile waqt li dan tal-ahhar kien hiereg minn parkegg fil-vettura tieghu. L-appellant kien konvint li sema' lill-parte civile joffendih meta semma lill-ommu u ghalhekk segwa lill-parte civile sakemm dan tal-ahhar waqaf fit-traffiku, nizel ikellmu biex jara ghaliex kien offendieh. Il-parte civile jghid li l-imputat beda jaghti fuq il-vettura tieghu u finalment tah daqqa ta' ponn f'wiccu filwaqt illi l-imputat jghid li qatt ma mess lill-parte civile jew lill-vettura tieghu;

2. L-imputat jikritika s-sentenza appellata bl-aggravju tal-apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti u jressaq is-segwenti argumenti biex juri li qatt ma seta' jinstab hati. Il-Qorti skartat il-verżjoni tal-appellant għalkemm dan kien konsistenti mill-bidu sal-aħħar; straħet fuq dak li xehed il-parti ċivili biss li izda mhix korroborata minn xhieda oħra għalkemm l-allegat inċident ġara f'post movimentat ħafna; Il-parti ċivili naqas ukoll li jesebixxi riċevuti tal-ħsara li saret fuq il-vettura tiegħu [u b'dan il-Qorti tifhem illi b'hekk il-parte civile ma kienx kredibbli];

Ikkunsidrat:

**Nullita' tas-sentenza appellata:**

1. Qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti qed tissolleva l-possibbli nullita' tas-sentenza appellata ghar-raguni illi l-ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi li dwaru instabet htija fl-ewwel fatt, dak ta' offiza fuq il-persuna minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car. Minkejja li l-ewwel Qorti sabet htija f'dan il-fatt ravvizat fl-ewwel imputazzjoni, indikat l-artikoli 215 u 216 tal-Kodici Kriminali in disimpenju tal-obbligu li tindika l-artikolu tal-ligi relevanti skond l-artikolu 283 tal-Kodici Kriminali;

2. Il-Qorti m'ghandiex ghalfejn taghmel konsiderazzjonijiet fit-tul dwar dan sia ghaliex l-artikolu 382 kuwa car in rigward

kif ukoll ghaliex il-kwistjoni hi ferm assodata fil-gurisprudenza: L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> **382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

3. Dak li trid il-ligi hu semplicement li jkun indikat l-artikolu li dwaru tkun instabet htija, altrimenti jkun hemm nullita' (**Pulizija vs Trevor Farrugia** App Krim 29.1.1996) - mhux l-artikolu li jistabilixxi l-piena, jew l-artikolu li jaghmel r-reat aggravat (basta li jkun indikat l-artikolu tar-reat principali) (**Pulizija vs Michael Zarb** App Krim 8.5.2014, jew li possibilment izzid il-piena, jew artikolu konsegwenzjali ghall-piena bhal dak dwar skwalifika ta' licenzja, izda biss u semplicement dak li jaghmel il-fatt imputabbli. Fil-kaz odjern kellu jkun indikat l-artikolu 214 ghaliex l-artikoli 215 u 216 ma humiex l-artikoli li joholqu r-reat. L_artikolu 215 jipprovdi li l-offiza fuq il-persuna tista' tkun gravi jew hafifa. L-artikolu 216 imbaghad jipprovdi ghal dawk l-istanzi fejn offiza ghandha titqies bhala gravi kif ukoll ghall-piena erogabbli;

4. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tghalaq ghajnejha ghal dan l-izball konsistenti f'nuqqas ta' formalita' essenzjali ghall-validita' ta' sentenza. Ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett;

5. Issa, dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-*

*qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]) anke jekk l-appell ikun tal-imputat;

6. Illi mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti provi. L-**Ispettur Hubert Cini** spjega li kien sar rapport minn ċertu Jean Claude Ciantar li kien aggredit fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid minn ċertu Carl Ciantar. Carl Ciantar kien saq wara Jean Claude Ciantar u wara li laħqu bil-karozza niżel għalih u tah daqqa ta' ponn. Certifikat mediku prokurat mill-parte civile kien jindika offiżi gravi fil-wiċċ.

3. **It-Tabiba Dr Josianne Sammut** kienet eżaminat lill-parte civile fil-poliklinika ta' Raħal Ġdid u kkonstatat ferita ċkejkna fuq il-haddejn tax-xellug li kellha bżonn il-punti. Kien ħiereġ id-demm minn imnieħru u l-imnieħer kien mgħawweġ lejn naħa minnhom. Minħabba dan kellu jintbagħat il-Mater

Dei biex jarawh l-ispeċjalisti. Mitluba tghid ma' x'hiex kienu kompatibbli dawk l-offizi tghid illi jista' jkun riżultat ta' xi daqqa u li ma nizzlitx dan in-notament fic-certifikat taghha anke jekk l-parte civile seta' qalilha kif okkorrew l-offizi;

4. **PS 1480 Sandro Mallia** xehed li kien ra daqqa taħt għajnejn il-vittma u mill-ewwel bagħtu l-poliklinika u li kien irritorna l-għassa b'ċertifikat mediku. Jean Claude Ciantar spjegalu li kif kien ħiereġ minn parking bay huwa irriversja u beda ħiereġ bil-mod. Kien hemm vettura oħra għaddejja minn ħdejn tiegħu li daqqlu l-horn. Jean Caude Ciantar qallu li seta' waqaflu u rah nieżel mill-vettura u riesaq lejh. Il-vittma startja l-karozza iżda din il-persuna baqgħet tiġri warajh u mar ħdejn il-bieba, tah daqqa fuq il-bieba u daqqa ta' ponn ġo wiċċu;

5. Il-parte civile **Jean Claude Ciantar** xehed kif kien ipparkjat fil-pjazza ta Raħal Ġdid u beda jregga' lura bil-mod minħabba li kien hemm vann twil. Dak il-ħin sema' lil xi ħadd idoqqlu l-horn. F'daqqa waħda ra vann jieqaf u persuna niżlet minnu u biex jevita l-paroli x-xhud saq il-karozza lejn l-ewwel triq 'l isfel. Il-persuna beda jgħajjat mal-karozza. Ġie ħdejn il-karozza u tah daqqa ġo wiċċu u telaq 'l hemm, ghalhekk saq lejn l-għassa. Jghid li kien ċert li ma offendihx b'ommu u qallu li jekk kien sema' hekk kien qed jiskuża ruħu biex b'dan il-mod jikkalma l-affarjiet. L-imputat beda jagħti fuq il-karozza fuq in-naha tal-passiggier izda meta gie fuq in-naha tieghu kesah u l-imputat tah daqqa f'wiċċu;

6. **L-imputat** xehed u ċaħad li kien ta xi daqqa ta' ponn lill-parte civile. Qal li waqt li kien qed isuq il-vann ta' missieru ma ndunax li l-parte civile kien [qed jipprova johrog mill-parkegg tieghu] u dak il-hin l-parte civile irrivesja l-vettura tieghu [ghaliex l-imputat kien ostakolalu l-hrug]. Dak il-hin sema lill-parte civile "*speci*" joffendieh b'ommu ghaliex ma kienx cedielu. Saq ghal-warajh, niżel biex ikellmu u l-allegat vittma beda jgħidlu li mhux minnu li kien offendieh. Ix-xhud nnega li kien ta d-daqqa ta' ponn kif ukoll li ma kienx ta daqqiet fuq il-vettura u kkonferma l-istqarrija minnu rilaxxjata;

7. L-istqarrija tal-imputat qed tkun riprodotta in sintesi la darba kkonferma l-kontenut taghha quddiem l-ewwel Qorti. F'din l-istqarrija l-imputat spjega li kien hemm persuna li offendietu b'ommu u waqqaf il-vann u niżel biex jara għala din il-persuna kienet offendietu. Jghid li ma setax iċedilu għax kien wasal ħdejh meta kien qed jirriversja. Is-sewwieq l-ieħor ċaħad li kien offendieh u wara qallu "sorry, sorry". L-appellant qal li hu ma kien tah ebda daqqa jew xi daqqiet f'wiċċu u mhux veru li kien saq warajh biex imbagħad qabad jagħtih. Hu allega li l-persuna l-oħra kienet qed tivvinta;

8. Fl-ewwel lok, l-offizi prezenti fuq il-persuna tal-parte civile huma indubjament ta' natura gravi fit-termini tal-artikolu 216(1)(a)(iii) tal-Kodici Kriminali gia minhabba l-qasma fil-haddejn li kienet tirrikjedi sutura la darba "*setghet iggib periklu ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem"*. Dan ma kien kontestat bl'ebda mod mid-difiza tul il-kawza wisq anqas fl-aggravji tal-appell;

9. Ezaminati l-provi kollha, din il-Qorti hi moralment konvinta li l-verzjoni tal-parte civile hi kredibbli sal punt li tghazel li twarrab dik tal-imputat. Il-Qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha temmen xhud minn iehor u meta taghmel hekk tista' temmen xhud f'kollox jew in parti. Issa, din ix-xelta trid tkun wahda fondata u mhux mehuda leggerment. L-l-fatt li ma ngiebitx prova tal-hsarat fil-vettura tal-parte civile ma jfissirx b'daqshekk li ma kienx qed jghid il-verita' u allura ma setghax jitwemmen f'kollox. Il-parte civile qal li l-imputat ta xi daqqiet fuq il-vettura tieghu izda ma qalx li din sofriet xi hsarat. L-unika referenza ghal hsarat hi fl-okkorrenza tal-Pulizija " Damages were noted on the driver's front right door". Issa jekk l-parte civile ma kellux interess jipprocedi f'dan ir-rigward hija xelta tieghu u dan jista' jkun il-kaz tant illi anke fil-konfront tal-offizi fuq il-persuna tieghu ghazel li jahfer lill-imputat;

10. Il-Qorti tinnota inoltre illi fl-istqarrija tieghu l-imputat jichad li qatt saq wara l-parte civile izda fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti kkonferma li "*soqt bicca warajh".* Dan mhux biss jaghti raguni ohra ghaliex din il-Qorti ghandha temmen verzjoni minn ohra izda ukoll tinnewtralizza l-iskuzanti tal-provokazzjoni jekk verament l-parte civile offenda lill-imputat, apparti l-kwisjtoni tar-reazzjoni esagerata u bl-ebda mod ekwiparabbli ghal dak li seta qal l-parte civile anke jekk din il-Qorti mhix qed temmen li l-parte civile offenda lill-imputat f'cirkostanzi fejn it-tieqa tal-vettura kienet mghaluqa, il-vetturi kienu startjati u

ghalhekk xi ftit inkreduli kif l-imputat seta' sema' l-allegat diskors.

11. Il-kritika, u allura issa l-osservazzjoni, tal-appellant dwar nuqqas ta' korroborazzjoni hi wahda fierha la darba mhix mehtieg skond il-ligi. Anke li kieku kien hekk, x-xhieda tal-parte civile hi msahha mill-fatt illi hu acceda direttament lejn l-Ghassa tal-Pulizija bl-offizi appena subiti u ma kien hemm xejn x'jindika li dawk ghamilhom hu stess fi trieqtu lejn l-ghassa jew li kien involut f'xi inkontru fiziku iehor nel frattemp.

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Qorti qed issib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni. Stante li kien liberat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni, l-Qorti ser tikkonferma dan fl-ahhar parti ta' din is-sentenza;

13. Kwantu l-piena, il-Qorti rat ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Caritas u hadet in konsiderazzjoni li l-parte civile hafer lill-imputat. Dan hu incident ikrah ferm li certament ilissen biza ghaliex nuqqas ta' ftehim bejn sewwieqa fit-toroq qatt u qatt ma ghandu jwassal ghall-reazzjoni fizika u vjolenti bhal din. Rat ukoll is-sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat u ghalhekk jirrizulta l-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9;

14. Kif gia espress *supra,* il-Qorti ma tistax ma tghatix widen ghall-fehma tal-vittma li fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri iddikjara li kien qed jahfer lill-imputat. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, l-imputat ghandu bzonn tal-ghajnuna, almenu dan kien jidher il-kaz meta sar l-appell tieghu,

konsegwenza ta' problemi relatati mal-konsum tad-droga. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti qed tilqa' s-sottomissjoni ghall-piena li ma tkunx wahda karcerarja bil-hsieb li llum il-gurnata l-imputat huwa aktar matur b'tali mod li jgharaf isib it-triq tas-sewwa.

15. Ghal dawn il-motivi, wara li ddikjarat lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva, u mhux hati u kwindi liberat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali, qed tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

16. Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;